Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 50/21**
il-Lussemburgu, 25 ta' Marzu 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenzi fil-Kawżi C-152/19 P Deutsche Telekom AG v Kummissjoni u C-165/19 P Slovak Telekom a.s v Kummissjoni

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli ppreżentati minn Slovak Telekom u minn Deutsche Telekom mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali dwar il-prattiki antikompetittivi fis-suq Slovakk tat-telekomunikazzjonijiet.

*Il-multa ta' EUR 38 061 963, li għaliha huma responsabbli in solidum dawn iż-żewġ kumpanniji, u dik li tammonta għal EUR 19 030 981, li għaliha hija responsabbli Deutsche Telekom biss, jibqgħu għalhekk l-istess.*

Slovak Telekom a.s. (iktar 'il quddiem "ST") toffri, bħala operatur storiku ta' telekomunikazzjonijiet fis-Slovakkja, servizzi broadband fuq in-networks fissi tar-ram u tal-fibra ottika tagħha. In-netwerks ta' ST jinkludu wkoll il-"linja lokali", jiġifieri l-linji fiżiċi li jorbtu, minn naħa, is-sokit telefonika tal-abbonat u, min-naħa l-oħra, is-swiċċ prinċipali tan-netwerk tat-telefon fiss.

Wara analiżi tas-suq nazzjonali tagħha, l-awtorità regolatorja nazzjonali Slovakka fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet adottat, fit-8 ta' Marzu 2005, deċiżjoni li identifikat lil ST bħala operatur li għandu saħħa sinjifikattiva fis-suq bl-ingrossa għall-aċċess disassoċjat għal-linja lokali. Konsegwentement, ST kienet obbligata, skont il-qafas regolatorju tal-Unjoni [1], tagħti lill-operaturi alternattivi l-aċċess għal-linja lokali li tagħha kienet proprjetarja, biex b'hekk tippermetti lill-operaturi l-ġodda li jużaw din l-infrastruttura joffru s-servizzi tagħhom lill-utenti finali.

Fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tissanzjona lil ST u lill-kumpannija omm tagħha, Deutsche Telekom AG (iktar 'il quddiem "DT"), talli abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq Slovakk tas-servizzi tal-internet broadband, billi llimitat l-aċċess tal-operaturi alternattivi għal-linja lokali tagħha bejn l-2005 u l-2010 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Il-Kummissjoni kkritikat, b'mod iktar partikolari, lil ST u lil DT li kisru l-Artikolu 102 TFUE billi ffissaw modalitajiet u kundizzjonijiet inġusti fl-offerta ta' riferiment tagħha fil-qasam tal-aċċess disassoċjat għal-linja lokali tagħha u applikat tariffi inġusti li ma kinux jippermettu lil operatur daqstant effettiv jirriproduċi s-servizzi bl-imnut offruti minn ST mingħajr ma jsostni telf. B'hekk, il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 38 838 000 fuq ST u fuq DT *in solidum*, kif ukoll multa ta' EUR 31 070 000 fuq DT.

Permezz tas-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni [2], il-Qorti Ġenerali qed tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata billi tiffissa l-multa li għaliha huma responsabbli *in solidum* ST u DT għal EUR 38 061 963, u dik li għaliha hija responsabbli biss din tal-aħħar għal EUR 19 030 981.

**L-appelli ppreżentati minn ST u minn DT huma miċħuda** mill-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża, f'dan il-kuntest, il-portata tas-sentenza tagħha Bronner [3] dwar il-klassifikazzjoni bħala abbużiva, fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, ta' rifjut ta' aċċess għall-infrastrutturi miżmuma minn impriża dominanti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet stabbilixxiet livell minimu ogħla sabiex

[1] B'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 2887/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar aċċess disassoċjat għal-linja lokali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 83), u d-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349).

[2] Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, T-827/14, u Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, T-851/14; ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru 196/18.

[3] Sentenza tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner, C-7/97; ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru 72/98.

tikkonkludi li prattika li tikkonsisti f'rifjut, minn impriża dominanti, li tqiegħed infrastruttura li tagħha hija proprjetarja għad-dispożizzjoni ta' impriżi kompetituri hija inġusta.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, qabel kollox, li kull impriża, anki jekk dominanti, tibqa', bħala prinċipju, libera li tirrifjuta li tikkuntratta u li topera l-infrastruttura li hija tkun żviluppat għall-bżonnijiet tagħha stess. Il-fatt li impriża dominanti, minħabba r-rifjut abbużiv tagħha li tikkonkludi kuntratti, tiġi obbliga tikkuntratta ma' impriża kompetitriċi sabiex tagħtiha aċċess għall-infrastruttura tagħha stess huwa, għaldaqstant, partikolarment ta' ħsara għal-libertà li jiġi konkluż kuntratt u għad-dritt ta' proprjetà tal-impriża dominanti. B'hekk, meta impriża dominanti tirrifjuta li tagħti aċċess għall-infrastruttura tagħha, id-deċiżjoni li tobbligaha tagħti aċċess lill-kompetituri tagħha tista' tiġi ġġustifikata biss, fuq il-livell tal-politika tal-kompetizzjoni, meta din l-impriża dominanti jkollha ħakma reali tas-suq ikkonċernat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, sussegwentement, li l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Bronner, u b'mod partikolari tat-tielet minn dawn il-kundizzjonijiet, tippermetti li jiġi ddeterminat jekk impriża dominanti għandhiex tali ħakma minħabba l-infrastruttura tagħha. Skont din is-sentenza, impriża dominanti tista' tiġi obbligata tagħti aċċess għal infrastruttura li hija tkun żviluppat għall-bżonnijiet tal-attività tagħha biss meta, l-ewwel nett, ir-rifjut ta' dan l-aċċess ikun ta' natura li jelimina kull kompetizzjoni min-naħa tal-impriża kompetitriċi li titlob l-aċċess, it-tieni nett, dan ir-rifjut ma jkunx jista' jiġi oġġettivament iġġustifikat u, it-tielet nett, tali aċċess ikun indispensabbli għall-attività tal-impriża kompetitriċi, jiġifieri li ma jkunx hemm sostitut reali jew potenzjali għal din l-infrastruttura.

Min-naħa l-oħra, **meta impriża dominanti tagħti aċċess għall-infrastruttura tagħha iżda tissuġġetta dan l-aċċess għal kundizzjonijiet inġusti, il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Bronner ma japplikawx**. Fil-fatt, għalkemm tali aġir jista' jkun abbużiv inkwantu jista' joħloq effetti antikompetittivi fis-swieq ikkonċernati, dan l-aġir ma jistax jitqabbel ma' rifjut li jingħata aċċess mill-impriża dominanti għall-infrastruttura tagħha, peress li l-istanzi responsabbli għall-kompetizzjoni ma jistgħux iġiegħlu lil din l-impriża tagħti aċċess għall-infrastruttura tagħha, meta dan l-aċċess ikun diġà ngħata. **Għaldaqstant, il-miżuri li għandhom jiġu imposti f'tali kuntest għandhom ikunu ta' inqas preġudizzju għal-libertà tal-impriża dominanti li tikkuntratta u għad-dritt ta' proprjetà tagħha** milli l-fatt li din tiġi obbligata tagħti aċċess għall-infrastruttura tagħha meta hija kienet tirriżerva tali aċċess għall-bżonnijiet tal-attività tagħha stess.

Fid-dawl tal-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni, li jimponi fuq ST li tagħti aċċess għal-linja lokali tagħha lill-impriżi kompetituri, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li dan l-operatur ta' telekomunikazzjonijiet Slovakk ma setax u realment ma rrifjutax li jagħti aċċess għaliha. Għall-kuntrarju, kien b'applikazzjoni tal-awtonomija deċiżjonali tagħha fir-rigward tal-konfigurazzjoni ta' dan l-aċċess li ST stabbilixxiet il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet ta' aċċess ikkontestati fid-deċiżjoni kkontestata. Peress li dawn ma kinux jikkostitwixxu rifjut ta' aċċess paragunabbli għal dak li kien is-suġġett tas-sentenza Bronner, **il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din l-okkażjoni ma japplikawx f'dan il-każ.** Konsegwentement, kuntrarjament għall-argumenti mressqa minn ST u minn DT, **il-Kummissjoni ma kinitx obbligata turi n-natura indispensabbli tal-aċċess għal-linja lokali ta' ST għad-dħul fis-suq tal-operaturi kompetituri, sabiex tkun tista' tikklassifika bħala abbuż minn pożizzjoni dominanti l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet ta' aċċess ikkontestati.**

Peress li qed jiġu miċħuda wkoll l-aggravji l-oħra invokati minn ST u minn DT, li b'mod partikolari jirrigwardaw l-evalwazzjoni tal-prattika tariffarja ta' ST li wasslet għal kompressjoni tal-marġni u għall-imputabbiltà tal-ksur lil DT bħala kumpannija omm, **il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli kollha kemm huma.**

---

**NOTA:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha

tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenzi (C-152/19 P u C-165/19 P) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*